



Brussell, 9 ta' Novembru 2022  
(OR. en)

14509/22

FRONT 417  
COWEB 151  
MIGR 344

**NOTA PUNT "I/A"**

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 2)/Kunsill

Nru dok. Cion: 14063/22 + ADD 1

Suġġett: Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja  
– Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill rakkmandazzjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja, akkumpanjata minn direttivi ta' negozjati, li t-test tagħhom jinsab fid-dokument 14063/22 + ADD 1.
2. Fil-laqgħa tagħhom fit-28 ta' Ottubru 2022, il-Kunsillieri ĠAI eżaminaw ir-rakkmandazzjoni u d-direttivi ta' negozjati msemmijin hawn fuq. Il-proposta rċeviet appoġġ wiesa'.
3. Wara r-reviżjoni mill-ġuristi lingwisti, inħareġ it-test tal-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dokument 14140/22.

4. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen<sup>1</sup>. Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
5. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhixiex marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
6. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub
  - jistieden lill-Kunsill jaddotta, bħala punt "A" flaqgħa li jmiss, id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim dwar l-istatus bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tas-Serbja dwar attivitajiet operazzjonali mwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Frontiera u tal-Kosta fir-Repubblika tas-Serbja, kif tinsab fid-dokument 14140/22, li tirreferi għad-direttivi ta' negozjati li jinsabu fid-dokument 14140/22 ADD 1; u
  - jitlob il-pubblikazzjoni tat-test tad-Deċiżjoni kif adottat mill-Kunsill f'*Il-Ġurnal Uffīċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---

<sup>1</sup> ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20.